TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/301/11/S

Anna Maria u Joseph Zammit
Vs
Zanzara Company Limited (C-34881)

Illum 8 ta'Novembru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Anna Maria u Joseph Zammitipprezentata fis-7 ta'Lulju,2011 u r-risposta tas-socjeta Zanzara Company Limited datata 10 ta'Novembru,2011;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, kif ukoll it-trattazzjoni maghmula fis-seduta tal-11 t'Ottubru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xogholijiet pendenti fi blokk ta'appartamenti inkluz fil-partijiet komuni tal-istess blokk;

Illi fl-ewwel lok jinghad li l-Perit Robert Gauci fuq inkariku tal-atturi, pprepara lista ta' tiswijiet li jridu jsiru u l-prezz relattiv;

Illi fuq suggeriment ta' dan it-Tribunal, il-partijiet kienu iltaqghu fuq il-post u kienu qablu fuq x'kellu jsir u meta;

Illi dan kien kwazi sena ilu;

Illi skont Anna Maria Zammit, is-socjeta konvenuta ghamlet biss ix-xoghol imnizzel bhala l-ewwel punt fir-rapport tal-Perit Gauci, liema xoghol kien stmat €100;

Illi s-socjeta konvenuta kellha kull cans tlesti x-xogholijiet indikati, mhux kontestati, u ma gabet ebda prova ghaliex m'ghandiex taghmel dan;

Illi mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti, jirrizulta li t-talba tal-atturi hi pjenament pruvata u ghandha tintlaqa' fl-intier taghha ghajr ghal dak li lahqet ghamlet kif fuq imsemmi;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Anna Maria u Joseph konjugi Zammit u Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Zanzara Company Limited u Jordna lill-istess socjeta Zanzara Company Limited thallas is-somma ta' €1627 lill-atturi biex jaghmlu x-xogholijiet elenkati fir-rapport tal-Perit Robert Gauci datat 22 ta'Gunju,2011 bl-interessi jiddekorru mis-7 ta'Lulju,2011 sad-data tal-hlas effettiv, bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta Zanzara Company Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070 FAX. (+356) 21239888